MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2014

Numru. 1368/2012

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**Vs**

**Edward Cardona**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Edward Cardona ta’ 30 sena, iben il-mejjet Patrick u Mary nee’ Lomax, imwieled Pieta’ fil-11 ta’ Awwissu 1982, residenti gewwa 37, Ledmar Court, Flat 4, Triq Andrew Cunningham, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 461382M gie akkuzat talli :

F’dawn il-Gzejjer, f’Dicembru 2011 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, approprjajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) li giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, ammininstrazzjoni, kariga, jew servizz tieghek, ghad-dannu tal-kumpanija ARRIVA Malta Limited.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Wara li nqrat l-akkuza bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Rat li, fl-ewwel udjenza, dik ta` llum 13 ta’ Mejju 2014, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi

meta ssir ammissjoni tali, u qieset bir-reqqa l-istqarrija tieghu rilaxxjata lill-pulizija, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu tinsabu sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghha.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-ammissjoni ta` l-imputat hija wahda bikrija u li ghalhekk ghandha tkun riflessa fis-sanzjoni li ghandha timponi din il-Qorti. Qieset ukoll l-intendiment li wera l-imputat quddiem din il-Qorti li huwa jirrifondi dak li huwa zamm ghalieh kontra d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Illi wkoll, il-koperazzjoni ta` l-imputat kienet wahda evidenti u intweriet sahansitra fl-istqarrija tieghu. Illi l-kumpanija Malta Public Transport Operations Limited illum assorbiet dak li kien tal-kumpanija Arriva Malta Limited.

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 310(1)(a), 28A, 28H, 532A, u 532B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lil Edward Cardona hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghal sentejn (2) prigunerija li, bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum. In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qed tordna lill-hati Edward Cardona jirrestitwixxi s-somma ta` sitt elef disa mija u tlieta w tletin Euro u sebghin centezmu (€6,933.70) lil Malta Public Transport Operations Limited u dana fi zmien sitt xhur mid-data ta` din id-direttiva.

Il-Qorti tat lill-hati l-ispjegazzjonijiet skond l-Artikolu 28A(4) u l-Artikolu 28H(7) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-procediment u kopja ta' din is-Sentenza jintbaghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------